MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1597/1994/1

**Teresa sive Tessie Galea bhala mandatarja ghan-nom u in rappresentanza ta' l-imsiefrin Joseph Scerri u Theresa mart Alan McDermott**

**vs**

**Louis Scicluna**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZAZZJONI TA' L-ATTRICI NOMINE</u>**

1. B’citazzjoni, l-attrici nomine talbet lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, ghar-ragunijiet moghtija fic-citazzjoni, taghti effett indefenit lill-mandat ta’ inibizzjoni u tiddikjara li bl-agir tal-konvenut hu rrenda ruhu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha u jigu applikati kontra tieghu s-sanzjonijiet skond il-ligi.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B’sentenza tat-23 ta’ April 1997, l-Ewwel Qorti ddecidiet billi laqghet it-talbiet ta’ l-attrici nomine appellat, kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-esponent appellant.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

3. Il-konvenut hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

(i) Illi l-ewwel Qorti rriteniet illi “l-attrici (appellata) setghet tagixxi kontra l-konvenut in forza tal-prokuri msemmija”.

Jigi sottomess bir-rispett illi din l-asserzjoni ta’ l-Ewwel Qorti hija erronea u dan peress illi:

Fl-ewwel lok jigi osservat illi l-mandatarju jagixxi f’isem il-mandant u cioe jagixxi b’mod illi jesprimi x-xewqat tal-mandant.

F’dan ir-rigward, jigi sottomess bir-rispett illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt illi tul il-kawza, li minnha qieghed jigi intavolat dan l-Appell, l-esponent appellant kien f’kuntatt kontinwu mal-mandanti ta’ l-attrici appellata u dan kif jirrizulta car mill-korrispondenza esebita f’diversi okkazjonijiet differenti waqt is-smiegh tal-kawza. Minn naha taghha l-mandatarja ta’ Teresa McDermott u Joseph Scerri ma ghamlet xejn biex tinnega d-dokumenti esebiti jew tipproduci xi ittra minghand il-mandatarji taghha li turi bic-car illi huma ma jridux lill-esponent appellant fuq l-art taghhom. Xejn.

Minn imkien mill-korrespondenza esebita ma jirrizulta li l-mandatarji b'xi mod widbu jew qalu lill-esponent appellant sabiex ma jersaqx lejn l-ghalqa n kwistjoni. Anzi permezz ta' l-ittra taghhom tat-18 ta' Awissu 1994 (esebita) ghamluha cara:
"...also we have never said that rent should not be paid by you. Could you please tell us who you were paying the rent to and who told you not to pay any more".

Dan juri bic-car illi mhux talli l-mandatarji ma riedux ikeccu lill-esponent appelant izda l-attrici appellata kienet qeghda tagixxi kontra l-volonta ta' l-istess madatarji meta hija naqset milli tigbor l-kera minghand l-esponent appellant.

Ir-raguni hija cara. Il-mandatarji ma ghandhom l-ebda nteress f'min jahdem l-art. L-unika nteress taghhom huwa li din l-art tirrendi xi dhul u dan kif jirrizulta mill-istess ittra tat-18 ta' Awissu 1994.

Dan kollu mehud in konsiderazzjoni, u mehud kont t-telefonati li saru, l-mandatarji qatt ma riedu jagixxu kontra l-esponent appellant u meta l-attrici appellata agixxiet kontra tieghu hija ghamlet dan min rajha fil-kapacita taghha personali u li bl-ebda mod ma tirrefletti l-volonta tal-mandatarji. Ghalhekk jigi sottomess bir-rispett illi hija ma setghetx tagixxi.

Fit-tieni lok, u a bazi ta' dak kollu aktar il-fuq precitat, il-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti li "l-attrici setghet tagixxi kontra l-konvenut in forza tal-prokuri fuq imsemmija" hija totalment eronja stante illi meta l-attrici appellata agixxiet kontra l-esponent appellant u hadet is-sentenza tat-30 ta' Gunju 1992, dina haditha kontra r-rieda tal-mandatarji taghha u ghalhekk kien hemm il-vizzju tal-kunsens li huwa l-bazi tal-kuntratt tal-mandat.

Huwa vera li l-attrici appellata kellha l-prokura u setghet tagixxi f'isem l-mandatarji izda dan limitatament sa fejn l-mandatarji xtaqu li hija tagixxi f'isimhom u mhux tghamel bi hwejjighom dak li trid hi personalment irrispettiv mix-xewqat taghhom.

Il-fatt illi mill-korrispondenza esebita minn imkien ma jirrizulta li l-esponent appellant gie mitlub johrog mir-raba n kwistjoni u l-fatt li l-attrici appellata, avolja kienet taf l-indirizz tal-mandatarji u n-numru tat-telefon taghhom qatt ma esebit xi forma ta' dokument li juri li l-mandatarji ma riedux lill-esponent appellant jahdem l-ghalqa u jhallas il-qbiela juri bic-car illi huma qatt ma taw il-kunsens taghhom lill-attrici appellata biex tagixxi b'xi mod kontra l-esponent appellant jew li ma jhallas il-qbiela relattiva.

Anzi riedu li jkompli jhallas il-qbiela kif gia eccepit.

Ghalhekk jigi sottomess bir-rispett illi l-attrici appellata ma kellha qatt il-mandat biex tagixxi kontra l-esponent appellant u titlob li dan jizgombra mill-ghalqa maghrufa "Ta Ghonq il-Moss" fil-kuntrada ta' St. Domenica Haz-Zabbar.

(ii) Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-supposizzjoni illi l-appellant zvija lil Teresa McDermott u dan ghax "l-istess konvenut li fl-ittra tieghu tat-13 ta' Settembru 1994 ma jghati ebda ndikazzjoni dwar l-ezitu tas-sentenza tat-30 ta' Gunju 1992".

Jigi sottomess bir-rispett illi din l-asserazjoni ta' l-ewwel Qorti ma tirrifletti xejn dak li vera gara u zbaljat meta bbazat ruhha fuq ittra wahda biss u njorat l-kumplament ta' l-ittri l-ohra u d-diskussjonijiet telefonici li sehhew.

Fl-ewwel lok jigi sottomess illi jekk kien vera li l-attrici appellata agixxiet f'isem u fl-interess tal-mandatarji u fuq ordni taghhom, allura ma kienx ikun hemm ghalfejn l-esponent appellant jghat ndikazzjoni ta' l-ezitu tas-sentenza tat-30 ta' Gunju 1992 u dan ghas-semplici raguni illi l-mandatarja taghhom kienet tinfurmhom jew ghal anqas kienu jistaqsuha huma stess. Bil-kuntrarju jidher car illi l-kuntatt bejn il-mandatarja u l-mandanti ntilef kompletament.

Illi minn naha l-ohra, kuntrarju ghal dak dikjarat mill-Ewwel Qorti, Joseph Scerri u Teresa McDermott saru jafu li kien hemm proceduri istitwiti kontra l-esponent appellant wara

li dan ta' l-ahhar informahom sew permezz ta' l-ittra tat-13 ta' Settembru 1994 u kif wkoll permezz ta' ittra ohra tat-30 ta' Novembru 1994 li tghamilha aktar milli cara li l-proceduri fil-Qorti kienu ghadhom ghaddejjin "Not only so but apart from instituting legal proceedings in the form of law suits, she is now even sending court marshalls so that we don't even plough and so the usual crop".

Illi, permezz ta' ittra ohra tal-11 ta' Ottubru 1995, l-istess Teresa McDermott kienet talbet nformazzjoni konsistenti fl-isem, l-address u n-numru tat-telefon ta' l-Avukat li kien inkarigat mix-xoghol legali f'isimhom minghand l-esponent appellant liema nformazzjoni kienet giet mghoddija.

In oltre, tenut kont dak kollu espost aktar il-fuq, tul l-andament tal-kawza, l-attrici nomine appellata qatt ma produciet xi komunikazzjoni ta' parti tal-mandatarji li wriet ix-xewqa taghhom li l-esponent appellant ma jhallasx il-kera jew li ma jahdimx l-ghalqa. Kien l-esponent appellant li produca d-dokumenti esebiti u li l-mandatarji kellhom l-pjacir li hu jibqa' fl-ghalqa.

Tant l-esponent appellant ma riedx jizvija lil Teresa McDermott illi meta gie mitlub huwa ma naqasx milli jghati l-informazzjoni mitluba minnu. Li kieku ried jahbi huwa ma kien qatt jindika lill-mandatarji l-isem u l-indirizz u n-Nru. tat-telefon ta' l-Avukat nkarigat mill-attrici nomine appellata li dak iz-zmien kien l-Avukat Dottor Edgar Depasquali.

Li kieku jrid b'xi mod jahbi dan ma kienx jghamlu.

Il-hlas tal-kera Teresa McDermott accettatu minn rajha u dan ghax kif indikat hija stess fl-ittra taghha tat-18 ta' Awissu 1994 "As you probably already know, Joe and myself only ever wanted to get some benefit from the land."

Huwa car illi Teresa McDermott ma ghandha l-ebda nteress li ma tircievi l-ebda hlas aktar u aktar meta hija tinsab daqstant il-boghod.

(iii) In vista ta' dak kollu precitat aktar il fuq johrog car illi l-esponent appellat ma ried qatt illi jagixxi b'disprezz tal-Qorti meta huwa inkariga persuna biex tahrat l-ghalqa.

Jigi sottomess illi l-appellant jghix esklussivament mix-xoghol tar-raba u kull bicca art hija ta' mportanza kbira ghalih.

Meta wiehed iqis illi huwa gie moghti l-permess mill-istess sidien li huma kugini tieghu ma jista ma jirrizultax li huwa agixxa in buona fede u minghajr ma qatt basar illi ser jinstab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tl-Qorti.

Ghaldaqstant il-konvenut appellant, talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji ta' l-esponent appellant u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici nomine appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTRICI APPELLATA</u>**

4. L-attrici appellata wiegbet hekk:

Illi l-appell tal-konvenut Louis Scicluna huwa frivolu u vessatorju, u ghalhekk ghandha tigi inflitta l-penali kontemplata fil-ligi.

Illi s-sentenza tat-23 ta' April 1997 fl-ismijiet premessi hija gusta u timmerita konferma.

Illi l-appellant ma jistax jifhem illi r-responsabilta' tieghu f'din il-kawza mhix fondata fuq korrispondenza li ghaddiet bejnu u l-atturi msefrin, izda fuq l-Ordni mahrug mill-Qorti biex jigi obdut minnu, u li huwa naqas li jobdi.

Illi l-appellant jippretendi li ghandu xi jedd li jinterferixxi fir-relazzjonijiet interni bejn l-attrici nomine u l-atturi proprio li jinsabu msefrin. Jekk dawn il-persuni assenti jidhrilhom li l-attrici naqset b'xi mod (dato ma non concesso li hu hekk), hemm rimedji disponibbli ghalihom, izda dan certament ma jirrigwardax lill-appellant. Qed jinsa l-appellant illi l-mandati obbligaw ruhhom li jirratifikaw dak li

taghmel il-mandatarja taghhom fil-limiti tal-prokura. Ghalhekk, il-konkluzzjoni ta’ l-appellant illi ‘Huwa vera li l-attrici appellata kellha l-prokura u setghet tagixxi f’isem il-mandatarji (recte: mandati) izda dan limitatament sa fejn il-mandatarji (recte: mandanti) xtaqu li hija tagixxi f’isimhom u mhux taghmel bi hwejjighom dak li trid hi personalment irrispettivamentmix-xewqat taghhom hija gratuwita daqskemm hija irrilevanti. Qed jigi sottomess illi l-appell huwa frivolu u vessatorju ghaliex l-appellant jaf jew messu kien jaf illi huwa kellu mandat x’jobdi u ma obdihx u sa hemm biss jinteressa l-meritu ta’ din il-kawza.

Il-kumplament ta’ l-appell huwa bir-rispett kollu karba wara l-ohra, irrilevanti u inutili. Fit-tielet parti tar-rikors ta’ l-appell tieghu, il-konvenut appellant qal li l-esponent appellat (recte: appellant) ma ried qatt illi jagixxi b’disprezz ta’ l-Ordni tal-Qorti meta huwa nkariga persuna biex tahrat l-ghalqa.’ Imbaghad jipprova jiskuza l-ghemil illegali tieghu billi jghid: ‘l-esponent appellant jghix eskluzivamet mix-xoghol tar-raba u kull bicca art hija ta’ importanza kbira ghalih’. Fi kliem iehor, jekk l-appellant jidhirlu li l-qliegh mir-raba huwa indispensabbli ghalih, huwa ghandu d-dritt li jisfida l-Ordni tal-Qorti kontenut fil-mandat ta’ inibizzjoni li bih gie inibit milli jidhol jahdem dak ir-raba, u, ghax hekk jidhirlu sew, tghaddi tieghu u mhux dak li ordnat il-Qorti. Mela, barra li hu frivolu u vessatorju, dan l-appell huwa wkoll offensiv ghaliex l-appellant qed ipoggi lilu nnifsu ‘l fuq mill-Qorti u ‘l fuq mill-Ligi. Fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu, l-appellant kellu l-ardir jinvoka l-‘bouna fede’ tieghu, u dan wara li kien notifikat bil-mandat ta’ inibizzjoni u ghazel li jikser l-Ordni li nghatatlu. Hija hasra li l-hin tal-Qorti jinhela b’sottomissjonijiet bhal dawk li hemm fir-rikors ta’ l-appell. Kien ikun hafna ahjar li kieku l-konvenut baqa’ sokkombenti, ghaliex is-sentenza tal-Qorti Civili hija ineccepibbli u ghandha tigi konfermata, filwaqt li l-appellant ghandu jigi kundannat ihallas spejjez doppji stante li l-appell tieghu huwa manifestament frivolu u vessatorju u tellef il-hin tal-Qorti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Gunju 1992 fl-istess ismijiet, il-konvenut appellant kien gie ordnat jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala "ta' Ghonq il-Moss", kuntrada ta' Santa Domenica, Zabbar, in kwantu hu kien qed jokkupaha bla titolu. Il-konvenut interpona appell minn dik is-sentenza pero' l-istess appell mar dezert b'dan li s-sentenza ghaddiet in gudikat. Sadanittant il-konvenut baqa' jiddetjeni l-ghalqa de quo. L-attrici appellata nomine ghalhekk otteniet mandat ta' zgumbrament li gie notifikat fis-6 ta' Lulju 1994. L-appellant konvenut mhux talli baqa' ma zgumbrax mill-ghalqa imma talli jirrizulta li fil-frattemp huwa qabbad lil terz, u cjoe lill-certu Spiridione Mifsud, biex bla hlas dan jahrat u jahdem dina l-ghalqa. L-istess appellant xehed hekk (ara fol. 24) meta gie mistoqsi biex jaghti spjegazzjoni dwar dan il-fatt,

"Li jiena bghatt lil Spiru Mifsud biex jahratli l-ghalqa, x'nista' nghid izjed. Dak il-hin, ftit, jigifieri kont ghadni hemm. (sic)".

6. L-appellant qieghed isostni li, bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, huwa kien gie moghti permess mill-kugini tieghu, igifieri mill-mandanti ta' l-appellata, "sabiex ikompli jhallas il-qbiela li kien hemm u jkompli jahdem l-art".

Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi jidhrilha li kulma jirrizulta fil-fatt hu li ferm wara s-sentenza ta' zgumbrament surreferita – ara wkoll ittra ta' l-appellant in data ta' l-24 ta' Marzu 1994 – huwa ttanta jistabbilixxi rapport dirett mas-sidien. Ghalkemm jidher li s-sidien kienu kemmxejn konfuzi dwar dak li kien qieghed jissucciedi Malta, minn imkien ma jirrizulta li dawn kienu tabilhaqq propensi li jaghtu xi titlu ta' lokazzjoni lill-appellant. Immanifestaw mieghu – ara ittra tat-18 ta' Awissu 1994, a fol 10 tal-process – ix-xewqa taghhom li jbieghu l-ghalqa "at market price" imma fl-istess waqt ghamluhielu cara lill-konvenut li l-appellata nomine
"Tessie Galea is our negotiator in Malta"

u li ghalhekk issuggerewlu li,
"It might be a good idea to let her know we have written to you because she has helped us a lot regarding this business and we don't want to upset her".

7. L-appellant jikkontendi li s-sidien qatt ma qalulu illi huma "ma jriduhx fuq l-art taghhom." Madankollu l-provi juru li l-appellata kellha prokura generali biex tagixxi f'isem il-mandanti taghha u hija ghalhekk kellha kull fakolta` u awtorita` li tagixxi f'isem is-sidien kontra l-konvenut. Bil-fatt li l-konvenut ferm wara l-ordni biex jizgombra pprova b'mod evidenti li jizvija lis-sidien, dan l-agir zgur ma kienx jammonta ghal xi forma ta' rikonoxximent. Il-kummenti f'lokhom maghmulin mill-ewwel Qorti f'dan il-kuntest huma gusti u pjenament kondivizi minn din il-Qorti. Bizzejjed jinghad li l-appellant, meta kiteb lis-sidien, konvenjentement ma jaghti ebda hjiel li kien hemm sentenza ta' zgumbrament kontrieh u li hu kien gie ddikjarat bla titolu.

8. Illi mhux hekk biss imma anke fil-mori ta' dan l-appell, jirrizulta li l-appellant ex admissis rega' ghamel uzu minn dina l-ghalqa (ara risposta tieghu tas-27 ta' Ottubru 1997, a fol. 92 tal-process) biex skond hu
"wara dan iz-zmien kollu qalleb il-hamrija ta' l-ghalqa, stante li kien qieghed jintefa' imbarazz u skart minn terzi u l-ghalqa kienet mizghuda bil-haxix hazin".

Fir-realta', hames (5) snin wara s-sentenza ta' zgumbrament, il-konvenut kien ghadu fil-pussess ta' l-ghalqa – agir ta' disprezz aktar manifest minn dan ftit jista' jigi riskontrat. Fil-fatt, din il-Qorti, konxja tal-gravita' ta' dan l-agir oltraggjuz dehrilha opportun li tivverbalizza li gej, waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 1998, igifieri
"Il-Qorti rrikjamat l-attenzjoni ta' l-appellant ghall-gravita' tan-nuqqas tieghu li jottempera ruhu mas-sentenza definittiva tal-Qorti",

u iddeferiet il-kawza ghal data fil-qrib "biex dakinhar tkun informatha li dak li gie (il-konvenut) ordnat mill-Qorti jkun gie definittivament esegwit".

B’xorti tajba ghall-appellant, jirrizulta li huwa rrilaxxja l-proprjeta’ ankorke’ dan ghamlu “bla pregudizzju ghad-dritt tieghu” u b’dan li l-ghalqa giet fil-pussess esklussiv ta’ l-appellata (fol 102).

9. Mill-bqija din il-Qorti hija tal-fehma li kif gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti mill-korrispondenza skambjata bejn l-appellant u s-sidien “ma tara ebda dritt li twieled favur il-konvenut odjern u ghalhekk kull pagament li seta’ sar kien bla effett”.

Ghalhekk isegwi li l-aggravji ta’ l-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ April 1997 bejn il-partijiet fuq imsemmija, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu. U peress li din il-Qorti tqis li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12 tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellata nomine l-ispejjez ghal darbtejn kif provvdut fl-imsemmija disposizzjoni.

Dep/Reg
df